**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 128/11VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Illum 11 ta' Ottubru 2018**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn XXX quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali fit-30 ta' Ottubru 2008, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitlob ir-revoka tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-sena ta' stima 2001 u minflok il-qligh kapitali jigi *assessed as declared*, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur, ossia r-Rifjut ta' l-Oggezzjoni mill-Kummissarju datat 23 ta' Gunju 2008 u l-Avviz ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2001 datat 2 ta' Gunju 2008;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu ghas-sena ta' stima 2001 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, u minflok il-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2001 tigi kkonfermata, stante li ghar-ragunijiet moghtija fid-decizjoni tieghu tat-23 ta' Gunju 2008, l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa hija gusta;

Ra li l-affidavit tar-Rikorrent ipprezentat fis-17 ta' Mejju 2012[1] gie sfilzat fuq ordni tat-Tribunal moghti fl-14 ta' Novembru 2013[2];

Ra l-affidavit ta' Elaine Bartolo, *Revenue Officer* fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, u d-dokumenti annessi mieghu, esebiti mid-Direttur Generali (Taxxi

[1] Fol. 31 tal-process.
[2] Fol. 122 tal-process.

Interni) permezz ta' Nota pprezentata fl-14 ta' Ottubru 2013 a fol. 45 sa' 121 tal-process;

Ra li b'Digriet moghti fil-21 ta' Marzu 2014, il-proceduri in ezami gew differiti *sine die*[3];

Ra li b'Rikors ipprezentat fit-18 ta' Settembru 2014, ir-Rikorrent talab ir-riappuntament tal-kawza, liema talba giet milqugha b'Digriet moghti fit-30 ta' Settembru 2014 u l-kawza giet ri-appuntata ghas-6 ta' Novembru 2014 fl-10:15 a.m.[4];

Ra li waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru 2014[5], ir-Rikorrent talab differiment bl-iskop li jipprova jilhaq ftehim mal-Kummissarju tat-Taxxi dwar it-taxxa dovuta partikolarment fid-dawl tat-tnaqqis rizultanti mill-affidavit ta' Elaine Bartolo;

Ra li t-talba giet milqugha b'dana li nghata differiment wiehed biss bl-iskop li jintlahaq tali ftheim mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Ra li waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar 2015[6], ir-Rikorrent informa lit-Tribunal li fil-mori tad-differiment huwa ma kienx irnexxielu jaghmel kuntatt mal-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra li ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-sena ta' stima 2001[7], permezz ta' liema qed jigi mitlub ihallas is-somma ta' €14,498 bhala taxxa ghall-imsemmija sena ta' stima, oltre taxxa addizzjonali w imghax.

Huwa jitlob li l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2001 tigi imhassra u revokata u minflok *the Capital Gain be assessed as declared,* in bazi ghall-aggravju li *in cases where the Commissioner is not satisfied about the amount of the cost of refurbishment of a property which is eventually sold, the Commissioner is expected to use his best of judgement to calculate the cost of the refurbishment to finally estimate the capital gain. Furthermore, the additional tax and interest imposed are highly excessive amounting to usury*[8].

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghall-appell tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigi michud u minflok il-Likwidazzjoni ta'

[3] Fol. 131 tal-process.
[4] Fol. 132 tal-process.
[5] Fol. 135 tal-process.
[6] Fol. 136 tal-process.
[7] Fol. 6 u 7 tal-process.
[8] Rikors promotur, fol. 3 tal-process.

Taxxa ghas-sena ta' stima 2001 ikkonfermata, stante li ghar-ragunijiet moghtija fid-decizjoni tieghu tat-23 ta' Gunju 2008, l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa hija gusta.

It-Tribunal josserva li fil-kaz in ezami l-unika prova li ressaq ir-Rikorrent in sostenn tal-kontestazzjoni tieghu mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2001 kien affidavit tieghu stess, esebit waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2012, liema affidavit però gie sfilzat b'ordni tat-Tribunal moghti fl-14 ta' Novembru 2013, stante li huwa naqas milli jattendi ghas-seduti ffissati mit-Tribunal ghall-fini li jsirlu l-kontro-ezami. Nonostante dan il-fatt però u ghalkemm a tenur ta' l-Artikolu 35(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, *il-piz tal-prova illi l-istima li dwarha jsir l-ilment hija eccessiva jkun ta' l-appellant*, it-Tribunal huwa tal-fehma li ma jistax b'mod sommarju jghaddi biex jichad l-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu ghas-sena ta' stima 2001 minghajr ma jikkonsidra u jezamina l-fondatezza u korrettezza ta' l-istess Likwidazzjoni ta' Taxxa, iktar u iktar meta fil-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2001 mahruga fit-2 ta' Gunju 2008, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni qed jitlob ukoll minghand ir-Rikorrent il-hlas ta' taxxa addizzjonali w imghax fl-ammont komplessiv ta' €31,717[9].

Fid-dawl ta' dan osservat ghalhekk, it-Tribunal ser jghaddi biex jikkonsidra u jiddetermina jekk il-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2001 mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tar-Rikorrent hijiex valida u gustifikata.

In sostenn tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2001 minnu mahruga fil-konfront tar-Rikorrent il-Kummissarju tat-Taxxi esebixxa affidavit ta' Elaine Bartolo, *Revenue Officer* fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, u serie ta' dokumenti annessi mieghu a fol. 46 sa' 121 tal-process. Fir-rigward tal-kaz tar-Rikorrent, Elaine Bartolo iddikjarat is-segwenti: *il-motiv ghall-iskattar ta' l-investigazzjoni fuq XXX beda minhabba l-fatt li l-appellant fil-5 ta' Dicembru 2001 ircieva refuzjoni ta' Lm2,132*[10] *bhala parti mit-taxxa provizorja ta' 7% imhallsa fuq il-kuntratt ta' trasferiment tal-11 ta' Jannar 2000. Nghid illi l-appellant fil-formola tat-taxxa tieghu ghas-sena ta' stima 2001 iddikjara dhul ta' Lm384*[11] *bhala beneficcji socjali u Lm6,667*[12] *bhala dhul minn qligh kapitali. Nghid illi fid-9 ta' Ottubru 1992, l-appellant kien xtara l-fond urban fl-indirizz wiehed u ghoxrin (21), Tarxien Road, Paola, ghall-prezz ta' Lm12,000*[13]*. Il-boll li thallas mix-xiri tal-fond kien dak ta' Lm426*[14]*. Nghid illi l-appellant trasforma dan il-fond f'hanut tal-hwejjeg u biegh dan il-fond bl-isem "New Generations" (li qabel kien igib l-isem ta' 'Trends Boutique') f'numru 21, Tarxien Road, Paola, fil-11 ta' Jannar 2000, ghall-prezz intier ta' Lm45,000*[15]*. Nghid illi meta XXX baghat il-formola tat-taxxa tieghu ghas-sena ta' stima 2001 fil-komputazzjoni tal-qligh kapitali annessa mal-formola huwa talab deduzzjoni ta' Lm37,500*[16] *bhala spejjez u b'hekk*

---

[9] Fol. 115 u 116 tal-process.
[10] Illum ekwivalenti ghal €4,966.22.
[11] Illum ekwivalenti ghal €894.48.
[12] Illum ekwivalenti ghal €15,529.93.
[13] Illum ekwivalenti ghal €27,952.48.
[14] Illum ekwivalenti ghal €992.31.
[15] Illum ekwivalenti ghal €104,821.80.
[16] Illum ekwivalenti ghal €87,351.50.

*meta dan l-ammont jigi mnaqqas mill-valur tal-bejgh ta' Lm45,000, il-profitt fuq it-trasferiment kien dak ta' Lm7,500*[17]*. Nghid illi sussegwentement l-appellant ha 8/9th ta' Lm7,500 li jigi Lm6,667 u ddikjarah bhala dhul minn qligh kapitali fil-formola tat-taxxa tieghu ghas-sena ta' stima 2001. Nghid illi* ***d-Direttur Generali hass li l-ammont ta' spejjez mitluba kienu eccessivi u ried jaghmel il-verifiki tieghu u ghalhekk fis-27 ta' Lulju 2005 beda investigazzjoni fuq XXX***[18]*. Nghid illi d-Dipartiment talab lill-appellant biex jissottometti l-ircevuti fiskali ta' l-ispejjez mitluba fil-komputazzjoni tal-qligh kapitali, skond kif titlob il-ligi. Fil-25 ta' Mejju 2006, l-appellant baghat e-mail lir-rapprezentanta tad-Dipartiment bi skeda ta' spejjez li huwa kien ghamel. Nghid illi wara li ra l-iskeda ta' spejjez mitluba minn XXX, id-Direttur Generali* ***accetta l-ammont ta' Lm5,412***[19] ***li l-appellant iddikjara li nefaq fis-sena 1993 ghax fehem li jista' jsir xi titjib f'bini li wiehed ikun ghadu kif xtara***[20]*. Nghid ukoll li dawn l-ispejjez gew accettati avolja huwa baqa' ma gab l-ebda dokumenti biex jissosstanzja dan. Dan l-ammont kien ukoll inkluz fil-capital allowance schedule li ntbaghtet mal-formola tat-taxxa ta' l-appellant ghas-sena ta' stima 1994. Kif jidher ukoll fil-kuntratt tax-xiri is-somma mislufa mill-Lohombus Corporation Ltd. kienet ta' Lm15,000*[21]*, Lm10,000*[22] *biex jixtri l-proprjetà u Lm5,000*[23] *sabiex jirranga l-proprjetà. Nghid illi* ***d-Dipartiment <u>f'dan l-istadju</u> wkoll qieghed jaccetta spejjez fl-ammont ta' Lm5,176***[24] ***liema ammont huwa 'written down value of furniture & fittings' minhabba li l-original cost digà kien qed jittiehed in konsiderazzjoni fl-iskeda ta' deprezzament mitlub mill-appellant ghas-snin ta' stima 2000 u li dawn l-ammonti digà gew accettati anke jekk f'dan il-kaz id-Dipartiment kien qed jippretendi li dawn ikunu sostanzjati b'dokumenti***[25]*. Nghid illi filwaqt li d-Direttur Generali accetta l-ispejjez ta' Lm5,412 u Lm5,176, kif ukoll l-ispiza tax-xiri tal-fond Lm12,000 u l-boll u spejjez notarili Lm526,* ***spejjez ohra mitluba mill-appellant fl-ammont ta' Lm11,800***[26] ***ma gewx accettati peress li ma kienux sostanzjati b'dokumenti u l-ammont l-iehor kien id-deprezzament li kien digà talab l-appellanti fir-rendikont tad-dhul u hrug***[27]*. Nghid li l-unici rcevuti li gew prezentati mill-appellant kienu fl-istadju ta' l-oggezzjoni. L-ircevuti kienu datati fis-sena 1997 u jammontaw ghal Lm7,133*[28]*. Dawn kienu mahruga mill-kumpanija "Arcidiacono Mfg" (C-18089), li timmanifattura l-ghamara. Dawn l-ircevuti ma kellhomx l-isem tal-klijent u lanqas ma kellhom deskrizzjoni tas-servizz jew ta' l-oggetti li ntefqu, skond kif titlob il-ligi u ghalhekk ma gewx accettati. Barra minn hekk, l-appellant lanqas biss talab d-deprezzament fuqhom fir-rendikont tad-dhul u hrug tieghu, apparti biss l-addition ta' Lm2,818*[29] *fis-sena*

---

[17] Illum ekwivalenti ghal €17,470.30.
[18] Enfasi tat-Tribunal.
[19] Illum ekwivalenti ghal €12,606.57.
[20] Enfasi tat-Tribunal.
[21] Illum ekwivalenti ghal €34,940.60.
[22] Illum ekwivalenti ghal €23,293.73.
[23] Illum ekwivalenti ghal €11,646.87.
[24] Illum ekwivalenti ghal €12,056.84.
[25] Enfasi tat-Tribunal.
[26] Illum ekwivalenti ghal €27,486.61.
[27] Enfasi tat-Tribunal.
[28] Illum ekwivalenti ghal €16,615.42.
[29] Illum ekwivalenti ghal €6,564.17.

*1997. Nghid illi mill-V.A.T. Returns ta' l-appellant jidher li l-ammont ta' spejjez kapitali mitluba jammontaw ghal Lm11,000 [30] u mhux ghall-ammont ta' Lm24,974[31] (Lm37,500 - Lm12,526) li talab l-appellant fil-formola tat-taxxa tieghu ghas-sena ta' stima 2001. ... b'hekk id-Dipartiment hadem komputazzjoni ta' qligh kapitali u wara li tnaqqsu mill-prezz tal-bejgh il-prezz tax-xiri, u spejjez li saru fil-proprjetà ta' Lm5,412 (dawn huwa l-ammont li kien hemm fl-iskeda ta' deprezzament) hu nghata wkoll l-allowances provduti mill-ligi rigward inflazzjoni u manteniment. Il-qligh kapitali mill-bejgh tal-proprjetà in kwistjoni rrizulta li kien Lm21,543[32]. ... **peress li f'dan l-istadju id-Dipartiment accetta wkoll bhala spiza l-ammont ta' Lm5,176 (written down value of fixtures & fittings), dan irid jonqos mill-ammont ta' qligh kapitali, u ghalhekk wara din ir-revizjoni l-ammont li fuqu ghandu jigi ntaxxat l-appellant issa huwa dak ta' Lm16,367[33]**.*

Mill-affidavit ta' Elaine Bartolo jirrizulta car li d-dubju u konsegwenti kontestazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni huma fir-rigward tal-komputazzjoni tal-qligh kapitali kif mahduma mir-Rikorrent, senjatament fir-rigward ta' l-ispejjez minnu reklamati, u l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2001 inharget appuntu fuq dik id-differenza li ma gietx accetata mill-Kummissarju bhala spejjez inkorsi in kwantu r-Rikorrent naqas milli debitament jissosstanzja tali bilanc.

A tenur ta' l-Artikolu 5 tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, kif applikabbli fiz-zmien mertu ta' dawn il-proceduri: *qligh kapitali derivat minn persuna mit-trasferiment ta' attiv ghandu jigi ntaxxat skond ma hemm fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att. Minkejja kull haga li tinsab x'imkien iehor f'dan l-Att, dak il-qligh ghandu jigi accertat kif stipulat f'dan l-artikolu u b'dak il-mod li jista' jigi stabbilit. Il-qligh kapitali li ghalih jghoddu d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu huwa: (i) qligh jew profitt li jinqala' mit-trasferiment ta' proprjetà jew uzufrutt ta' kull proprjetà immobbli jew assenjament jew cessjoni ta' kull jedd fuq dik il-proprjetà... (2) Ghall-fini li jigi accertat x'inhu l-qligh jew il-profitt li jsir minn trasferiment ta' proprjetà immobbli skond is-subparafrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu - (a) **ghandhom jitnaqqsu b'dak il-mod u f'dak l-ammont li jista' jigi stabbilit, l-ispiza li ssir ghall-akkwist, l-element ta' inflazzjoni, kull cens imhallas fuq il-proprjetà u li dwaru ma jsir ebda tnaqqis ghal min ihallas it-taxxa taht kull disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, il-manutenzjoni, il-benefikati, spejjez ohra li ziedu l-valur tal-proprjetà immobbli minn meta tkun giet akkwistata u spejjez ohra li ghandhom x'jaqsmu b'mod dirett mat-trasferiment[34]**; ....*

A tenur tar-Regoli dwar Qligh Kapitali, Legislazzjoni Sussidjarja 123.27, kif applikabbli fiz-zmien pertinenti ghal dawn il-proceduri, senjatament a tenur tar-Regolament 2: *fil-hdim tal-qligh jew profitt mat-trasferiment ta' proprjetà*

[30] Illum ekwivalenti ghal €25,623.11.
[31] Illum ekwivalenti ghal €58,173.77.
[32] Illum ekwivalenti ghal €50,181.69.
[33] Enfasi tat-Tribunal. Illum ekwivalenti ghal €38,124.85.
[34] Enfasi tat-Tribunal.

*immobbli ghandu jitqies dan li gej:- (a) l-ammont minfuq fl-akkwist li ghandu jinkludi - (i) kemm tiswa l-proprjetà trasferita dikjarata f'kuntratt ta' xiri u l-ispejjez kollha li ghandhom direttament x'jaqsmu ma' dak il-kuntratt maghdudin it-taxxa taht l-Ordinanza dwar it-Taxxa tal-Boll, l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti, l-Att ta' l-1993 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, u drittijiet ta' agenti, dawk legali u nutarili hekk kif tingieb prova dwarhom ghas-sodisfazzjoni tal-Kummissarju; ... (iii)* ***kull nefqa li tingieb prova dwarha ghas-sodisfazzjoni tal-Kummissarju li tkun kollha kemm hi u ghal kollox saret fl-izvilupp tal-proprjetà li tkun qeghda tigi trasferita...*** *(c)* ***benefikati fi proprjetà immobbli wara l-akkwist jekk dawn il-benefikati tingieb prova dwarhom ghas-sodisfazzjon tal-Kummissarju*** [35] *; id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ghandhom ukoll japplikaw mutatis mutandis dwar dawk il-benefikati maghmulin wara l-31 ta' Dicembru 1992; (d) allowance ghall-manutenzjoni kalkolata b'0.4% tal-valur tal-bini, prezz tan-nefqa jew prezz finali ghal kull sena bejn is-sena ta' l-akkwist jew meta intemm u gie trasferit; (e)* ***nefqiet ohra li dwarhom tkun direttament inharget ricevuta u li ghandhom x'jaqsmu direttament mat-trasferiment u li ma jkunux oghla minn hamsa fil-mija mill-prezz tal-bejgh***[36].

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi - kif applikabbli ghall-kaz in ezami - jirrizulta ferm car li meta fil-komputazzjoni tal-qligh kapitali t-*taxpayer* jirreklama spejjez u/jew benefikati esegwiti fil-proprjetà trasferita, dawn l-ispejjez u/jew benefikati jigu accettati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni biss kemm il-darba jigu debitament ippruvati. Apparti li dan l-oneru tal-prova jinkombi fuq it-*taxpayer* ai termini tal-Ligi fiskali, huwa fi kwalunkwe kaz principju generali stabbilit fis-sistema guridika nostrali li *l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah* - Artikolu 562 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-kaz in ezami jirrizulta ferm car li in kwantu rigwarda l-valur ta' Lm11,800, illum ekwivalenti ghal €27,486.60, reklamati mir-Rikorrent bhala parti mill-spejjez u/jew benefikati minnu esegwiti fil-fond minnu trasferit in forza tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami datat 11 ta' Jannar 2000[37], huwa naqas milli jaghti prova sodisfacenti ta' dawn l-ispejjez.

Mill-affidavit ta' Elanie Bartolo u senjatament mid-dokumenti esebiti flimkien ma' l-affidavit taghha, jirrizulta li in sostenn ta' l-ispejjez reklamati minnu r-Rikorrent issottometta sitt ricevuti fiskali mahruga minn Arcidiacono Mfg. Co. Ltd. ghall-valur komplessiv ta' Lm7,133[38], illum ekwivalenti ghal €16,615.42, izda dawn ir-ricevuti ma jindikawx favur min inhargu u ghal liema tip ta' servizz u/jew provvista jirreferu. Fil-fehma tat-Tribunal dawn l-ircevuti ma jikkostitwixxux l-ahjar prova li r-Rikorrent seta' jressaq in sostenn ta' l-ispejjez u/jew benefikati minnu reklamati fil-komputazzjoni tal-qligh kapitali u ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien altru milli gustifikat li ma jaccetahhomx bhala prova sodisfacenti ta' l-ispejjez

---

[35] Enfasi tat-Tribunal.
[36] Enfasi tat-Tribunal.
[37] Dok. "I" a fol. 91 sa' 98 tal-process.
[38] Dok. "M" a fol. 72 sa' 76 tal-process.

reklamati. Apparte minn dawn ir-ricevuti, jirrizulta wkoll, dejjem mill-affidavit ta' Elaine Bartolo u d-dokumenti annessi mieghu, li fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa fuq il-qligh kapitali ghall-perijodi ta' taxxa li jaqghu entro l-perijodu kopert fil-komputazzjoni tal-qligh kapitali, ir-Rikorrent iddikjara spejjez kapitali fl-ammont ta' Lm11,000, illum ekwivalenti ghal 25,623.10, u mhux fl-ammont ta' Lm24,974, illum ekwivalenti ghal €58,173.77, kif invece minnu dikjarati u kkunsidrati ghall-finijiet tal-komputazzjoni tal-qligh kapitali. Din id-diskrepanza wkoll baqghet qatt ma giet debitament spjegata mir-Rikorrent u ghal din ir-raguni wkoll il-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien gustifikat li ma jaccettax l-ammont ta' Lm11,800, illum ekwivalenti ghal €27,486.61, mill-ispejjez reklamati mir-Rikorrent ghall-fini tal-komputazzjoni tal-qligh kapitali.

Ghalkemm fir-Rikors promotur ir-Rikorrent jikkontendi li *in cases where the Commissioner is not satisfied about the amount of the cost of refurbishment of a property which is eventually sold, <u>the Commissioner is expected to use his best of judgement to calculate the cost of the refurbishment to finally estimate the capital gain</u>*[39], mill-provvedimenti tal-Ligi hawn appena citati ampjament jirrizulta li dan ma huwiex minnu.

Kif già iktar 'l fuq osservat, l-ispejjez reklamati mit-*taxpayer* fil-komputazzjoni tal-qligh kapitali ghandhom, ai termini tal-Ligi, jigu **debitament ippruvati** u fin-nuqqas ta' tali prova l-Kummissarju ghandu **jichad** l-ispejjez hekk reklamati *in toto* jew *in* parte, skond il-kaz. Kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, fir-rigward tal-komputazzjoni tal-qligh kapitali l-Ligi ma taghtix lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni diskrezzjoni biex f'nuqqsas ta' prova sodisfacenti da parte tat-*taxpayer* dwar l-ispejjez minnu reklamati, ikun l-istess Kummissarju li jghaddi biex jiddetermina u jikkalkula l-ispejjez effettivament inkorsi.

Ir-Rikorrent lanqas quddiem dan it-Tribunal (jew il-Bord ta' Kummissarji Specjali qablu) ma ressaq prova sodisfacenti in sostenn ta' l-ispejjez u/jew benefikati minnu reklamati stante li, jigi ribadit, ghad illi huwa pprezenta affidavit tieghu stess, dan l-affidavit giet sfilzat peress illi huwa ripetutament naqas milli jattendi ghas-seduti ffissati mit-Tribunal ghall-fini li jsirlu d-debitu kontro-ezami da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi. Fic-cirkostanzi ghalhekk it-Tribunal difficilment jista' jilqa' l-appell tar-Rikorrent u mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2001 mahruga fit-2 ta' Gunju 2008.

Trattata l-kwistjoni dwar it-taxxa imposta fuq ir-Rikorrent, it-Tribunal josserva ulterjorment li ladarba l-ammont ta' Lm11,800, illum ekwivalenti ghal €27,486.61, reklamat mir-Rikorrent bhala spejjez fil-komputazzjoni tal-qligh kapitali baqa ma giex minnu debitament spjegat u ppruvat, isegwi li l-istess Rikorrent naqas milli jiddikjara d-dhul kollu minn qligh kapitali u b'hekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni gustament ghadda biex jimponi taxxa addizzjonali fuq ir-Rikorrent kif ukoll il-konsegwenti u rizultanti imghaxijiet.

---

[39] Sottolinear tat-Tribunal.

Detto ciò però, mill-affidavit ta' Elanie Bartolo jirrizulta li f'dan l-istadju ta' l-appell il-Kummissarju tat-Taxxi accetta wkoll bhala spejjez inkorsi mir-Rikorrent relattivament ghall-fond trasferit fis-sena 2000, senjatament *written down value of fixtures & fittings*, is-somma ta' Lm5,176, illum ekwivalenti ghal €12,056.83, b'dana ghalhekk li l-ammont li fuqu ghandu jigi ntaxxat ir-Rikorrent huwa ta' Lm16,367, illum ekwivalenti ghal **€38,124.85**.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-talba tar-Rikorrent ghat-thassir u revoka tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2001 mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fit-2 ta' Gunju 2008, jordna li l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2001 tigi riveduta a bazi tal-fatt li l-ammont li fuqu issa ghandu jigi ntaxxat ir-Rikorrent huwa ta' €38,124.85.

Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-Rikorrent.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**